MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru 2/2012

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Nazzareno Briffa**

Il-Qorti,

**A.** Rat l-Att tal-Akkuża numru 2 tas-sena 2012 kontra l-akkużat Nazzareno Briffa, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-wieħed u għoxrin (21) jum ta` Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tat-tmienja ta` filgħaxija (20.00pm) l-akkuzat **Nazzareno Briffa** kien qiegħed jixrob l-inbid ġewwa t-Tony`s Bar, Birkirkara. F`xi ħin wara, dahal f`dan il-hanut Peter Borg sabiex jixtri kaxxa birra. Waqt li Peter Borg kien qiegħed fit-Tony`s Bar sar xi diskors bejnu u l-akkużat **Nazzareno Briffa** u għal xi raġuni **Nazzareno Briffa** ħassu partikolarment offiż bil-kliem li kien qallu Peter Borg. Minħabba f'hekk l-akkużat iddeċieda li Peter Borg, kellu jpattiha qares billi joqtol lil

Peter Borg jew li jqegħidlu ħajtu f’perikolu ċar. Sadanitant Peter Borg kien laħaq telaq mit-Tony`s Bar u mar ikompli jitkellem u jixrob ma` tlitt iħbieb fir-razzett tiegħu li jinsab f`Birkirkara wkoll.

Iktar tard matul dan l-istess lejl għall-ħabta tan-nofs siegħa ta` filgħodu (12.30am) sbieħ it- tnejn u għoxrin (22) jum ta` Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), l-akkużat **Nazzareno Briffa** ħaseb li jwettaq il-pjan kriminuż tiegħu li joqtol lil Peter Borg jew li jqegħidlu ħajtu f`perikolu ċar u għal dan il-għan tal-biza` l-ewwel mar id-dar fejn jgħix flimkien mal-ġenituri tiegħu f`Birkirkara. Mid-dar l-akkużat **Nazzareno Briffa** qabad senter tal-kacca, ikkarga dan is-senter b`diversi skrataċ u mar viċin ir-razzett ta` Peter Borg fejn spara żewġ tiri fuq *billboard* tal-Banif Bank li hemm fil-vicinanzi. Dak il-hin Peter Borg kien qiegħed fil-kumpanija tal-ħbieb tiegħu fir-razzett u malli sema` dawn it-tiri ta` senter, ħareg barra biex jara x`kien qed jiġri. Malli l-akkuzat ra lil Peter Borg ftit metri bogħod minnu, mill-ewwel ipponta s-senter fid-direzzjoni ta` Peter Borg u dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħidlu hajtu f’periklu ċar, sparalu tir. Fil-fatt minħabba t-tir ta` senter li sparalu l-akkużat, Peter Borg waqa’ mal--art, intilef minn sensieh u ġarrab ġrieħi ta` natura gravi ħafna f`partijiet vitali ta` ġismu tant li kien fil-periklu li jitlef hajtu. Peter Borg kellu jiddaħħal fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar Mater Dei fejn gie sottopost għall-kura u l-interventi tat-tobba li salvawlu ħajtu u li għalhekk dan id-delitt ma ġiex esegwit minhabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` ta` **Nazzareno Briffa**.

Malli l-Pulizija daħlitilhom informazzjoni li kien hemm persuna maskili f`Birkirkara armat b`senter, huma marru mill-ewwel fuq il-post fejn seħħ dan id-delitt u sabu lill-akkuzat Nazzareno Briffa bis-senter f`idejh fejn hu ġie arrestat u wara nbdew dawn il-proċeduri.

Illi b`għemilu l-imsemmi **Nazzareno Briffa** sar ħati ta` tentattiv ta` omiċidju volontarju u cioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f`periklu ċar, wera dan il-ħsieb b`atti esterni u ta` bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex

esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu.

Għaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi **Nazzareno Briffa** ħati ta` tentattiv ta` omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f`periklu ċar, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghal-piena ta` prigunerija minn seba` snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata għall-ħtija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fl-ewwel kap ta’ dan l-att t`akkuża, u ċioè fit-22 ta’ Lulju 2009 għal ħabta tal-12.30am f’Birkirkara l-akkużat **Nazzareno Briffa**, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Peter Borg jew li jqiegħdlu ħajtu f’periklu ċar, spara arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni ta` Peter Borg. Minhabba dan it-tir b`arma tan-nar, Peter Borg garrab griehi gravi f`diversi partijiet vitali ta’ ġismu partikolarment f`rasu, f`wiccu, f`sidru u f`zaqqu tant li kien fil-periklu li jitlef hajtu. Peter Borg ma mietx minhabba l-kura u l-interventi tat-tobba.

Fil-mument ta’ dan id-delitt, l-akkużat **Nazzareno Briffa** kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar (senter), liema arma giet effettivament użata fil-kommissjoni ta’ l-imsemmi delitt volontarju kontra l-persuna ta’ Peter Borg.

Illi b'għemilu l-imsemmi Nazareno Briffa sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna(tentattiv ta` omicidju volontarju), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Nazzareno Briffa ħati talli fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu;

u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn erba` snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480), u l-artikoli 17, 23, 31, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fil-kapi t'akkuża preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fit- 22 ta' Lulju 2009 għal ħabta tal-12:30am f`Birkirkara, l-akkużat **Nazzareno Briffa**, kellu f'idejh arma tan-nar (senter) u munizzjon mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa fil-fatt spara din l-arma kif intqal fil-kapi preċedenti.

Illi b'għemilu l-imsemmi **Nazzareno Briffa** sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew fid-dintorni tieghu;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi **Nazzareno Briffa**, ħati talli kellu fil-pussess jew

kontroll tiegħu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew fid-dintorni tieghu;

u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn hames snin skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480), u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fil-kapi t'akkuża preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fit- 22 ta' Lulju 2009 għal ħabta tal-12:30am f`Birkirkara, l-akkużat **Nazzareno Briffa** mar hdejn ir-razzett ta` Peter Borg armat b`senter bil-hsieb li joqtol lill-istess Peter Borg. Malli wasal vicin dan ir-razzett l-akkuzat Nazzareno Briffa volontarjament spara zewg tiri bis-senter fuq *billboard* tal-Banif Bank bil-hsieb li jaghmel hsara fuq dan l-istess *billboard.* Fil-fatt minhabba z-zewg tiri sparati mill-akkuzat dan il-*billboard* garrab hsarat li jammontaw ghal tliet mitt ewro (300) ghad-dannu tal-kumpanija J & F Investments Limited.

Illi b`ghemilu l-imsemmi Nazzareno Briffa sar hati, talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq *Billboard* liema hsara, ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma li kienet izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment tal-kumpanija J & F Investments Limited.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi **Nazzareno Briffa**, ħati talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli fuq *Billboard* liema hsara, ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma li kienet izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment tal-kumpanija J & F Investments Limited.

U talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux anqas minn hames xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl- artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat

**B.** Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-ġurija li bih, b’ seba’ (7) voti favur u b’żewġ (2) voti kontra sabu lil Nazzareno Briffa mhux ħati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati li kkaguna offiza ta’ natura gravi li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f’ parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Peter Borg b’dan pero’ li r-reat hu skuzabbli ghaliex sar waqt li l-akkuzat kien taht l-influwenza mmedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu;

B’ seba’ voti (7) favur u b’ zewg (2) voti kontra, sabu lil Nazzareno Briffa hati tal-akkuza taht it-tieni kap tal-akkuza;

Unanimament sabu lil Nazzareno Briffa hati tal-akkuza taht it-tielet kap tal-Att tal-Akkuza;

Unanimament sabu lil Nazzareno Briffa ħati tal-Akkuża taħt ir-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuża.

**Ċ**.Tiddikjara għalhekk li Nazzareno Briffa

1. mhux ħati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża iżda ħati li kkaġuna offiża ta' natura gravi li kkaġunat debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew ġabet difett permanenti f' parti tal-għamla tal-ġisem ta' Peter Borg b'dan pero' li r-reat hu skużabbli għaliex sar waqt li l-akkużat kien taħt l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ, illi minħabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-għemil tiegħu;

2. ħati li fit-22 ta' Lulju, 2009 għall-ħabta tal-12.30 a.m. f'Birkirkara, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. ħati li fit-22 ta' Lulju, 2009, ghall-habta tal-12.30 a.m. f'Birkirkara, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew fid-dintorni tiegħu, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

4. ħati li fit-22 ta' Lulju, 2009 għall-habta tal-12.30 a.m. f'Birkirkara, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fuq *Billboard* liema ħsara, ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) imma li kienet iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għad-detriment tal-kumpanija J & F Investments Limited.

**D**. Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

**E.** Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Maurizio Cordina, u tal-abbli Difensur Dr.Edward Gatt dwar liema dispożizzjoni tal-Liġi tgħodd fil-każ odjern.

**F.** Qieset dak li qal il-Prosekutur dwar il-fedina penali tal-ħati u s-sottomissjoni tiegħu li dan mhux xi żagħżugħ u mhux l-ewwel darba li daħal il-Qorti.

**G.** Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Edward Gatt li qal li l-ħati kien provokat u l-fedina penali tiegħu ma tqanqalx daqshekk tħassib.

Ikkonsidrat

**H.** Illi l-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi dan li ġej fl-artikoli 227, 230, 231 u 232[1]

*Sub-titolu V*
FUQ L-ISKUŻI TAD-DELITTI MSEMMIJIN TAĦT IS-SUB-TITOLI TA'
QABEL TA' DAN IT-TITOLU
Każijiet ta'
omiċidju
volontarju
skużabbli.
.
**227.** L-omiċidju volontarju hu skużabbli -

(*a*) jekk ikun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija;

(*b*) jekk ikun sar fil-waqt li wieħed, bi nhar, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta'
reċinti, ta' ħitan, jew tad-daħla ta' dar jew ta' appartament abitat, jew post li jagħmel magħhom, illi
jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;

(*ċ*) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew
aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;

sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-għemil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar

[1] Il-Qorti qed issemmi biss l-artikoli relevanti. L-artikoli 228 u 229 wieħed jista' jikkonsulthom fil-Liġijiet tal-Malta.

minħabba saħna ta’ demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta’ persuna jew ta’ ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f’nies ta’ temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

(*d*) jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn:

Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena,jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet,
beżgħet jew twerwret.

**230.** L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli -

(*a*) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(*a*) u (*b*);
(*b*) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(*ċ*);
(*ċ*) jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta’ kull xorta li jkun, kontra l-persuna;
(*d*) fil-każ magħdud bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(*d*).

Piena għall-offiża
skużabbli
msemmija filparagrafu
(*a*) tal- artikolu
230,
.
**231.** (1) Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (*a*) tal-aħħar artikolu qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -
(*a*) jekk tkun ġrat il-mewt -
(i) minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala’ wara, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena;

(ii) minħabba xi kawża aċċidentali li tinqala’ wara u mhux minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi

naturali tal-offiża, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur;

(*b*) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 2l8, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur;

(*ċ*) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur;

(*d*) jekk l-offiża ssir gravi minħabba kawża aċċidentali li tinqala' wara -

(i) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*b*);
(ii) il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*ċ*).

(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), jekk l-offiża tkun ħafifa, ma jittieħed ebda proċediment.

fil-paragrafi (*b*) u
(*ċ*) tal-artikolu
230.
.
**232.** Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 230(*b*) u (*ċ*), l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel -

(*a*) jekk l-offiża tkun gravi, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn żewġ terzi tal-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:**

**I**

(i) M'hemmx dubju li l-iskużanti f'dan il-proċess taqa' taħt il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 227;

(ii) Illi għalhekk japplika l-artikolu 230(b) li jsemmi espressament l-artikolu 227(ċ).

(iii) Illi l-artikolu 231(1)u(2) jirreferu għall-paragrafu (a) tal-artikolu 230. Dan il-paragrafu jkopri il-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 227 liema paragrafi għandhom x'jaqsmu ma' provokazzjoni b'offiża gravi fuq il-persuna meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija; u għal meta wieħed ikun, bi nhar, qed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan jew tad-daħla ta' dar jew ta' appartament abitat;

(iv) Illi l-iskużanti fil-każ odjern la taqa' taħt l-artikolu 227(a) u lanqas taħt l-artikolu 227(b) iżda din taqa' taħt l-artikolu 227(ċ).

(v) Isegwi li l-piena assoċjata ma' din l-iskużanti ma tistax taqa' taħt l-artikolu 231 li huwa limitat għall-iskużanti taħt il-paragrafu (a) tal-artikolu 230 kif jidher fl-ewwel ħames kelmiet fil-bidu tal-artikolu. (Ara wkoll il-marginal note).

(vi) Illi l-artikolu 232 jkopri il-paragrafu (b)[2] tal-artikolu 230 li jirreferi espressament għall-iskużanti 227(ċ) li hija l-iskużanti f'dan il-każ.

(vii) Il-Leġislatur ħa ħsieb li jipprovdi pieni **skont it-tip ta' skużanti li tirriżulta** u iddistingwa bejn pieni li jistgħu jingħataw taħt kull wieħed mill-paragrafi tal-artikolu 227. Għalhekk l-ewwel trid tkun determinata l-iskużanti x'kienet – f'dan il-każ l-artikolu 227(ċ)- u imbagħad wieħed irid ifittex liema artikolu u paragrafu japplika għaliha meta tikkonsidra l-piena. Il-Leġislatur ried ikun aktar ġeneruż fiċ-ċirkostanzi meta tintuża l-iskużanti tal-paragrafu (a) tal-artikolu 227 milli meta jintużaw skużanti oħrajn.

(viii) F'dan il-każ il-piena hija dik indikata taħt l-artikolu 232 (a) **li miegħu dejjem mxew il-Qrati tagħna f'każijiet bħal dak odjern.**

**J.** Hija u tiddetermina l-piena l-Qorti kkonsidrat li ġej:

[2] Filfatt jirreferi kemm għall-paragafu (b) kif ukoll għall-paragrafu (ċ).

(a) Li l-verdett taħt l-ewwel żewġ kapi la kien unanimu u lanqas fil-minimu tiegħu.

(b) Li l-verdett taħt it-tielet kap u taħt ir-raba' kap kien unanimu;

(ċ) Li għandha tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 għat-tieni u t-tielet Kap li għalhekk jaqgħu taħt l-ewwel Kap.

(d) Li għar-raba' Kap għandha tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9.

**Konklużjoni**

**K**. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 23, 218, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 232(a), 325 (1)(b) 533 tal-Kap 9, 5(1), u 51(2), 55(a) u 56 tal-Kap 480 qed tikkundanna lil Nazzareno Briffa għal piena ta' priġunerija ta' tliet snin li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li huwa għadda taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

**L**. Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe' tlitt elef, disa' mija w dsatax-il Ewro u erba` u tletin ċenteżmi (€3919.34) liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux fi żmien disa' xhur mil-lum jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

**M.** Tordna l-konfiska tal-arma tan-nar li ntużat fil-kommissjoni ta' dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------